**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Jessica Porras Guisado

*Konvenuti:* Bankia SA, Sección Sindical de Bankia de CCOO, Sección Sindical de Bankia de UGT, Sección Sindical de Bankia de ACCAM, Sección Sindical de Bankia de SATE, Sección Sindical de Bankia de CSICA, Fondo de Garantía Salarial (Fogasa)

*fil-preżenza ta':* Ministerio Fiscal

**Dispożittiv**

1) *Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila minħabba tkeċċija kollettiva fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi.*

2) *Il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li timpjega li tkeċċi ħaddiema tqila fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, mingħajr ma tipprovdilha raġunijiet differenti minn dawk li jiġġustifikaw din it-tkeċċija kollettiva, dment li jiġu indikati l-kriterji oġġettivi li ġew użati biex tindika l-ħaddiema li se jitkeċċew.*

3) *Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprojbixxix, bħala prinċipju, it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, li welldet reċentement jew li qed tredda', b'mod preventiv, u li tipprevedi n-nullità ta' din it-tkeċċija biss meta din tkun illegali, bħala kumpens.*

4) *Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, fis-sens tad-Direttiva 98/59, la tipprevedi prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet u lanqas prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid, applikabbli qabel dik it-tkeċċija, għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu, mingħajr madankollu ma tiġi eskluża l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ogħla għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu.*

([1]) ĠU C 165, 10.5.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Frar 2018 – LL vs Il-Parlament Ewropew**

**(Kawża C-326/16 P)** ([1])

***(Appell — Rikors għal annullament — Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Ammissibbiltà — Terminu għall-preżentata tar-rikors — Komputazzjoni — Ex membru tal-Parlament Ewropew — Deċiżjoni dwar l-irkupru tal-allowance ta' assistenza parlamentari — Miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament — Artikolu 72 — Proċedura ta' lment fi ħdan il-Parlament — Notifika tad-deċiżjoni li tikkawża preġudizzju — Posta rreġistrata li ma nġabritx mid-destinatarju tagħha)***

(2018/C 134/05)

*Lingwa tal-proċedura: il-Litwan*

**Partijiet**

*Appellanti:* LL (rappreżentant: J. Petrulionis, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Toliušis, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tad-19 ta' April 2016, LL vs Il-Parlament (T-615/15, mhux ippubblikat, EU:T:2016:432) huwa annullat.*

2) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

([1]) ĠU C 343, 19.09.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Frar 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-328/16)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 91/271/KEE — Trattament tal-ilma urban mormi — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Artikolu 260(2) TFUE — Sanzjonijiet pekunjarji — Somma f'daqqa — Pagamenti ta' penalità)***

(2018/C 134/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Zavvos, E. Manhaeve u D. Triantafyllou, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġent)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma ħaditx il-miżuri kollha neċessarji involuti fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-119/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:385), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.*

2) *Fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fil-punt 1 jissokkta fid-data tal-għoti tas-sentenza preżenti, ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea pagamenti ta' penalità ta' EUR 3 276 000 kull sitt xhur ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-119/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:385), b'effett mid-data tal-għoti tas-sentenza preżenti sad-data li fiha tiġi eżegwita kompletament is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-119/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:385), li l-ammont effettiv tagħhom għandu jiġi kkalkolat fi tmiem kull perijodu ta' sitt xhur filwaqt li jitnaqqas l-ammont totali relattiv għal kull wieħed minn dawn il-perijodi b'perċentwali li tikkorrispondi għall-proporzjon li jirrappreżenta n-numru ta' unitajiet ta' ekwivalenti ta' popolazzjoni (EP) li jkunu saru effettivament konformi mas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-119/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:385), fir-reġjun ta' Thriasio Pedio, fi tmiem il-perijodu kkunsidrat meta mqabbel man-numru ta' unitajiet ta' ekwivalenti ta' popolazzjoni li ma jkunux konformi mas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-119/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:385), f'dan ir-reġjun, fil-jum meta tingħata s-sentenza preżenti.*

3) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma f'daqqa ta' EUR 5 miljuni.*

4) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 402, 31.10.2016.